**A.L. 151 tal-2009**

# ORDINANZA DWAR IR-REGOLAMENT TAT-TRAFFIKU (KAP. 65)

# L-ATT DWAR AWTORITÀ DWAR IT-TRASPORT TA' MALTA (KAP. 332)

## Regolamenti tal-2009 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Sinjali tat-Traffiku u l-Marki tal-Karreġġata

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 54 ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku u ta' l-artikolu 33 ta' l-Att dwar Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, il-Ministru ta' l-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni, wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu.

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa Regolamenti tal-2009 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Sinjali tat-Traffiku u l-Marki tal-Karreġġata, u għandhom jinqraw u jinftehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-1969 dwar is-Sinjali tat-Traffiku u l-Marki tal-Karreġġata hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 94 tal-1969.

Sostituzzjoni ġenerali ta' kliem.

**2.** Fir-regolamenti prinċipali, kull fejn tissemma:

(a) il-kelma "*omnibus*" għandha titħassar u tiġi sostitwita bil-kliem "*route bus*"; u

(b) il-kelma "*omnibuses*" għandha titħassar u tiġi sostitwita bil-kliem "*route buses*".